

32004D0148

19.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 49/47

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Frar 2004

**li tiffissa għas-sena 2004 allokkazzjoni ndikattiva bejn l-Istati Membri tal-finanzjament mill-Fond Komunitarju tat-Tabakk tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 2182/2002**

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 493)

(2004/148/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 14(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2182/2002 tas-6 ta' Diċembru 2002 li jniżżlu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 dwar il-Fond Komunitarju tat-Tabakk<sup>(2)</sup>, jipprovdu miżuri biex jippromwovu skambju fil-produzzjoni tat-tabakk. Dawk il-miżuri għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Komunitarju tat-Tabakk stabbilit permezz ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92.
- (2) L-ammont totali disponibbli għall-Fond Komunitarju tat-Tabakk għall-2004 huwa ta' 28,8 miljun EUR, li minnhom 50 % għandhom jiġu wżati biex jiffinanzjaw miżuri speċifiċi biex jgħinu lil dawk li jkabbri t-tabakk sabiex jaqilbu għal uċuħ tar-raba' oħra jew għal attivitajiet ekonomiċi oħra li joħolqu l-impjiegi u biex jiffinanzjaw studji relatati.

(3) Għalhekk huwa neċessarju li tiġi ffixxata allokkazzjoni ndikattiva ta' l-ammont disponibbli bejn l-Istati Membri konċernati skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 2182/2002.

(4) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tabakk,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għas-sena 2004, l-allokkazzjoni indikattiva bejn l-Istati Membri tal-finanzjament mill-Fond Komunitarju tat-Tabakk dwar il-miżuri msemmija fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 2182/2002 għandha tkun stabbilita kif imniżżla fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 215, 30.07.92, p. 70. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2319/2003 (ĠU L 345, 31.12.03, p. 17).

<sup>(2)</sup> ĠU L 331, 07.12.02, p. 16.

## L-ANNESS

**L-allokazzjonijiet indikattivi għall-Istati Membri tal-finanzjament mill-Fond Komunitarju tat-Tabakk dwar il-miżuri msemmija fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 2182/2002 għas-sena 2004**

(EUR)

L-Istat Membru	Allokazzjoni indikattiva	
Bażi	90 % fuq il-kwantitajiet irrevokabilment mixtrijin lura skond il-kwota	10 % tal-limitu tal-garanzija nazzjonali
	Valur	Valur
L-Italja	11 362 565	538 446
Il-Greċja	748 442	529 755
Spanja	0	180 009
Il-Portugall	263 284	25 481
Franza	0	109 443
Il-Ġermanja	0	48 512
Il-Belġju	324 762	6 346
Awstrija	260 947	2 008
Total	12 960 000	1 440 000